# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LI**
**Illum 23 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 64/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Mangion**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti ttrattat ma' l-imsemmi Patrick Mangion, bhala persuna li kienet taht *probation*, ghall-ksur ta' htiega jew htigiet ta' l-ordni ta' *probation* billi kkundannatu, ghar-reat li dwaru l-ordni ta' *probation* kien gie maghmul, sentenjn prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas il-periodu ta' l-arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Patrick Mangion, minnu ppresentat fil-5 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li minflok jibqa' fis-sehh l-ordni ta' *probation* originarjament maghmul fl-10 ta' Marzu, 2000;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet li-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' dana l-appell, din il-Qorti ser telenka is-segwenti fatti:

1. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-10 ta' Marzu, 2000, Patrick Mangion instab hati ta' serq ta' oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq kien kwalifikat bil-mezz, valur u lok. Dik il-qorti f'din l-okkazzjoni ghamlet ordni ta' *probaton* fil-konfront ta' l-imsemmi Mangion.
2. Il-htigiet ta' dana l-ordni ta' *probation* kienu (i) li huwa kellu jgib ruhhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija, (ii) li huwa kellu jgharraf minnufih lill-Ufficjal tal-*Probation* b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu; u (iii) li huwa kellu jzomm ruhhu f'kuntatt ma' l-Ufficjal tal-*Probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghal zmien l-

istess Ufficjal tal-*Probation* u partikolarment li huwa kellu, jekk dan l-Ufficjal ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal fid-dar tieghu.

3. Bejn it-23 ta' Mejju, 2000 u s-16 ta' Gunju, 2000 Patrick Mangion deher diversi drabi, akkumpanjat mill-Ufficjal tal-*Probation* tieghu, quddiem il-Qorti Inferjuri, u dik il-qorti tat xi direttivi hija stess lill-imsemmi Mangion, bhal, per ezempju, li jmur ghand Dott. George Grech "sabiex jissotometti ruhhu biex jinbeda dak kollu li hu mehtieg" (fol. 156), u li "jaghmel il-kors terapewtiku fil-komunita` tal-Caritas" (fol. 165). Dawn id-"direttivi" ta' l-ewwel qorti, pero`, ma jistghux jitqiesu bhala htigiet godda ta' l-ordni ta' *probation* skond l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 152 u dana peress li l-*probationer* ma nghatax kopja gdida ta' l-ordni bil-htigiet "godda" kif rikjest bis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 7 u bis-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152.
4. Bejn l-4 ta' Lulju, 2000 u l-11 ta' Dicembru, 2000 Patrick Mangion deher diversi drabi ohra quddiem il-Qorti Inferjuri. F'dawn l-okkazzjonijiet, bhal fl-okkazzjonijiet precedenti l-ohra, dik il-qorti jidher li hadet informazzjoni minghand diversi nies (bhal Dott. G. Grech u l-Ufficjal tal-*Probation*) mhux bil-gurament. Fid-19 ta' Dicembru, 2000 l-Ufficjal tal-*Probation* (Marietta Lanzon) ippresentat "denunzja" bil-miktub fit-termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap. 152, li permezz taghha ddenunzjat il-fatt li Patrick Mangion naqas li jzomm ruhhu f'kuntatt maghha skond id-direttivi moghtija lilu, kif ukoll li kellu rizultat pozittiv meta giet ittestjata l-urina tieghu, u li naqas li javzaha bi bdil fir-residenza tieghu. Din id-denunzja, pero`, ma jirrizultax li giet konfermata bil-gurament skond il-paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 8 imsemmi. Fid-diversi okkazzjonijiet li fihom Mangion deher quddiem il-Qorti Inferjuri bejn il-presentata ta' l-imsemmija denunzja sad-data li fiha l-qorti tat il-provvediment li minnu qed isir dana l-appell, dik il-qorti ma semghet lil hadd bil-gurament la dwar il-fatti fid-denunzja u anqas dwar xi fatti antecedenti ghal dik id-denunzja.

L-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, tnejn: li ma gietx segwita l-procedura indikata fl-Artikolu 8 tal-Kap. 152, u li ma kien hemm ebda raguni ghala l-ewwel qorti kellha tnehhi l-ordni ta' *probation* u tikkundannah sentejn prigunerija.

Din il-Qorti ser tilqa' dana l-appell, u dan ghar-raguni segwenti. Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 152 jipprovdi, *inter alia*, illi "jekk jigi pruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li tidher jew tingieb quddiemha…[l-]persuna taht *probation* illi l-persuna taht *probation* tkun naqset li thares xi wahda mill-htigiet ta' l-ordni ta' *probation* dik il-qorti tista'…titratta mal-persuna taht *probation*, ghar-reat li dwaru l-ordni ta' *probation* kien gie maghmul, b'kull mod li bih il-qorti kienet tista' titratta ma' dik il-persuna kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ta' dak ir-reat minn dik il-qorti jew quddiemha" (sottolinear tal-Qorti). Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel qorti riedet tapplika din id-disposizzjoni, u li hekk fehmet li kienet qed taghmel. Pero` din id-disposizzjoni tirrikjedi li l-

ksur ta' htiega wahda jew ohra tigi pruvata. Dan ifisser li jrid ikun hemm prova bil-gurament, imqar jekk dan ikun il-gurament li kellu jakkumpanja d-denunzja aktar 'l fuq imsemmija. Pero`, kif diga nghad, f'ebda stadju u f'ebda okkazzjoni li fih jew fiha l-*probationer* deher quddiem l-ewwel qorti sa ma dik il-qorti tat il-provvediment ossia s-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001 ma jirrisulta li nstemghu xi provi bil-gurament. Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx thassar l-ordni ta' *probation* u titratta mal-*probationer* skond l-Artikolu 8(2) billi tikkundannah ghal xi piena ghar-reat li tieghu originarjament kien instab hati.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata (cioe` dik tas-27 ta' Marzu, 2001), u tqieghed lill-appellant Patrick Mangion mill-gdid fil-posizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma nghatat dik is-sentenza; u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-qorti tipprocedi skond il-ligi fir-rigward tal-*probationer* Patrick Mangion.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur